31992R1911

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1911/92
tad-9 ta' Lulju 1992
li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1039/92 [2], u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessi mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa xieraq li, suġġett għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità relatati mas-sistemi ta' kontroll doppju u għas-sorveljanza minn qabel u rettrospettiva tal-Komunità tal-prodotti tad-drapp ma' l-importazzjoni fil-Komunità, l-informazzjoni vinkolanti tat-tariffi fil-każ tal-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li m'għadhomx konformi ma' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintalbu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 [3] mid-detentur tagħhom matul ċertu perjodu jekk it-tali detentur ikkonkluda kuntratt kif riferut fil-punti (a) jew (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14, (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1715/90 [4]; Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tan-Nomenklatura Magħquda rigward il-prodotti Nri 1, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 fl-iskeda annessa;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura għadu ma bagħatx opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-president tiegħu, rigward il-prodott Nru 2 fl-iskeda annessa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Suġġetti għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità dwar sistemi ta' kontroll doppju u għas-sorveljanza minn qabel u rettrospettiva tal-Komunità tal-prodotti tad-drapp ma' l-importazzjoni fil-Komunità, informazzjoni vinkolanti tat-tariffi fil-każ tal-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li m'għadhomx konformi ma' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintalbu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 mid-detentur tagħhom matul perjodu ta' 60 ġurnata mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk it-tali detentur ikkonkluda kuntratt riferut fil-punti (a) jew (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 110, tat-28.4.1992, p. 42.
(3) ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
(4) ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

This Regulation shall be binding in its entirety and directly applicable in l-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 1992.

Għall-Kummissjoni.

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal-klassifikazzjoni tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Lbies ħafif maħdum (100 % qoton), ta' kulur wieħed, maħsub biex ikopri l-parti ta' fuq tal-ġisem, li jasal sa taħt il-qadd, bi kmiem twal. Għandu għonq tond li joqgħod issikkat b'ribbing għoli meħjut (4ċm għoli). Dan l-ilbies ukoll għandu fetħa parzjali fuq quddiem, li jibda mill-għonq, li jinqafel mil-lemin għal fuq ix-xellug, piegi fl-ispalel u kuxinetti ta' l-ispalel (ara r-ritratt nru 501) (*).	6106 10 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u n-Nota 4 tal-Kapitolu 61, kif ukoll mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6101 u 6106 10 00. Ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni tan-nomenklatura magħquda relatata mal-kodiċi tan-NM 6106. Minħabba li għandu l-karatteristiċi ġenerali ta' shirt-blouse (qatgħa, tiżjin u dehra ġenerali) l-ilbies ma jistax ikun ikklassifikat bħala oġġett simili għal pullover tal-kodiċi tan-NM 6110.
2. Sett ta' żewġ ilbiesi mqegħda għall-bejgħ bl-imnut magħmula minn: (a) lbies tas-suf maħdum (80 % qoton, 20 % polyamid) f'żewġ kuluri (bl-istrixxi), maħsuba biex ikopru l-parti ta' fuq tal-ġisem, bil-kmiem twal u għonq tond mingħajr fetħa. Dan l-ilbies għandu ribbing applikat ma' l-għonq, fit-trufijiet tal-kmiem u fit-tarf t'isfel ta' l-ilbies; (ara r-ritratt Nru 504 A) (*); (b) qalziet magħmul minn drapp tas-suf maħdum ta' kulur wieħed (80 % qoton, 20 % polyamid) li jwassal mill-qadd sa l-għaksiet, mingħajr fetħa fil-qadd. Dan l-ilbies huwa ssikkat mill-qadd minn id elastika u għandu ribbing applikat fit-trufijiet tas-saqajn tal-qliezi; (ara r-ritratt Nru 504 B) (*).	6108 31 90	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-nota 8 tal-Kapitolu 61 kif ukoll il-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6108, 6108 31 u 6108 31 90. Wara li jkunu kkunsidrati d-dehra ġenerali ta' l-ilbies u n-natura tad-drapp, dan is-sett għandu jitqies bħala par pyjamas.
3. Lbies maħdum 100 % qoton maħsub biex ikopri l-parti ta' fuq tal-ġisem sa taħt il-qadd, li għandu kullar li jaqsam mil-lemin għal fuq ix-xellug, bla ftuħ, ta' materjal maħdum bir-ribbing, bi kmiem qosra. L-ilbies ukoll għandu disinn fuq is-sider u għandu l-keffa fit-tarf tal-kmiem u fil-qiegħ (ara r-ritratt Nru 453) (*).	6110 20 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6110, 6110 20 u 6110 20 99. Ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni tan-nomenklatura magħquda relatati mal-kodiċi tan-NM 6110. Dan l-ilbies huwa simili għal pullover.
4. Lbies maħdum ta' 100 % sintetiku mħsub biex ikopri l-parti ta' fuq tal-ġisem sa taħt il-qadd, li għandu kullar mingħajr ebda fetħa, kmiem twal u keffa fil-qiegħ. L-ilbies għandu wkoll daħla trijangolari maħduma bir-ribbing fuq quddiem ta' l-għonq (ara r-ritratt Nru 452) (*).	6110 30 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6110, 6110 30 u 6110 30 99. Ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni tan-nomenklatura magħquda relatati mal-kodiċi tan-NM 6110.
5. Lbies magħmul minn gomma ċellulari kopert miż-żewġ naħat minn drapp maħdum, maħsub biex ikopri l-parti t'isfel tal-ġisem mill-qadd sa taħt l-irkopptejb, li jgħatti s-saqajn separatament, mingħajr fetħa. Il-ħjata ta' l-ilbies hija koperta minn tape elastiku (shorts) (ara r-ritratt Nru 503) (*).	6113 00 10	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-nota 1 (e) tal-Kapitolu 95, kif ukoll il-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6113 u 6113 00 10. Ir-ritratti huma puramen ta' natura illustrattiva.

(*) Ir-ritratti huma purament ta' natura illustrattiva.

(1)	(2)	(3)
6. Ilbies maħdum tas-saqajn tat-tip tal-kalzetti ta' fibri tad-drapp (85 % acrylic, 13 % nylon, 2 % fibri oħra), mingħajr pett applikat, bi strippi tal-PVC fuq il-pett ma jiżolqux biex jgħinu l-mixi fuq uċuħ mogħruka jew li jiżolqu (ara r-ritratt Nru 467) (*).	6115 93 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6115, 6115 93 u 6115 93 99.
7. Preżentazzjoni komposta ta' oġġetti magħmula tad-drapp ta' xugaman tal-kirxa 100 % qoton, imqegħda għall-bejgħ bl-imnut, magħmula minn:		Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6209, 6209 20 00, 6302 u 6302 60 00. Dawn l-oġġetti tad-drapp ma jistgħux jitqiesu li jifformaw sett. Ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni tas-sistema armoniżżata relatata mar-regola ġenerali 3 (b), il-paragrafu (X) (b) għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura.
(a) oġġett li għandu jintlibes minn tarbija li jikkonsisti minn forma rettangolari b'barnuża fuq naħa waħda li għandha disinn dekorattiv imwaħħal. Fuq żewġ kantunieri hemm żewġ strippi li għandhom jintrabtu mal-qadd (bathrobe) (ara r-ritratt Nru 466 A) (*);	6209 20 00	
(b) flanella rettangolari tat-tip tal-mitt (ara r-ritratt Nru 466 B) (*);	6302 60 00	
(ċ) bavalor b'żewġ strippi li għandhom jintrabtu madwar l-għonq (ara r-ritratt Nru 466 Ċ) (*);	6209 20 00	
8. Oġġett magħmul minn drapp maħdum elastikat li jkopri l-għaksa u parti mis-sieq, b'feħa għall-għarqub. It-trufijiet u x-xfar tal-feħa huma mgħammra bi strippi tal-lakstu biex jissikkaw (appoġġ għall-għaksa); (ara r-ritratt Nru 469) (*).	6307 90 10	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-nota 1 b) tal-kapitolu 90 u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6307, 6307 90 u 6307 90 10.
9. Oġġett magħmul minn lakstu ċellulari kopert miż-żewġ naħat bi drapp maħdum, li jkopri l-irkoppa u parti mis-sieq, b'feħa għall-galletta ta' l-irkoppa. Tape elastiku jkopri l-ħjata fuq wara (appoġġ għall-irkoppa) (ara r-ritratt Nru 502) (*).	6307 90 10	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-nota 1 b) tal-kapitolu 90 u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6307, 6307 90 u 6307 90 10.

(*) Ir-ritratti huma purament ta' natura illustrattiva.


504


504 A


504 B






503


467


466 A


466 B


466 C


cee
502


469